MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2003

Numru 713/1999

**Il-Pulizija**
(Spettur Helga Debono)
**vs**

**Joseph Bellotti**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi; Joseph Bellotti ta' 66 sena iben Leli u Giuzeppa nee' Cordina, imwieled Bormla fl-10 ta' Jannar 1936 u joqghod Blokk 7, numru 20 Flat 1 Wigi Rosato street Bormla numru ta' l-identita 65436(m).
Talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta' Lulju 1999 u t-12 ta' Ottubru 1999 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

a) Talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh bi hsara tal-Gvern ta' Malta u l-Lombard Bank Limited ta' aktar minn Lm7, 800 u dan bi ksur ta l-artikoli, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fi skrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikkolhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Talli xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-artikolu 183 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikoli 184 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Talli ukoll, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Talli ukoll, iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, ili meta jigu pprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-konsenja ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta' artikoli 167 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Ukoll talli xjentament ghamel uzu minn wahda mill-karti msemmija fl-artikolu 166 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu169 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U Barra minn hekk talli l-imsemmi Joseph Bellotti huwa ukoll recediv b'sentenza definitiva tal-Qorti tal-Magistrati iddatata 18 ta' April 1997.
Semghet ix-xhieda bil-gurament.
Rat l-atti u d-dokumenti.
Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.
Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja.
Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u l-Qorti fehmitu x'jigifieri ammissjoni u taghtu zmien jahsibha.
Issibu hati kif gej
Rat l-Artikoli 18, 308, 310, 49 u 50 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ssibu hati tar-reati taht l-artikoli 18, 308, 49 u 50 u mhux hati tar-reati l-ohra msemmija.
Tikkundannah tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350) multa li ghandha tithallas fi zmien tnax -il xahar (12) f'pagamenti ugwali kull xahar

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------